16 ta' Mejju, 1953.
Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Anthony Pace

**Prostituzzjoni — Vettura — Dgħajsa — Art. 8 (2) tal-Kap. 102 u Art. 2 tal-Kap. 13.**

*Il-liġi tippunixxi lil kull min, xjentement, jagħti b'kiri, jew jippermetti l-użu, jew jieħu sehem mill-qliegħ ta' vettura, użata għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali.*

*Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, il-kelma "vettura" għandha tittieħed bħala tirriferixxi għat-trasport fuq l-art; u għalhekk dik il-liġi ma tolqotx, u mhix applikabili, għall-każ fejn ir-reat fil-kwistjoni jkun ġie kommess fuq dgħajsa.*

B'sentenza tagħha tat-18 ta' Frar 1953, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imputat ħati talli xjentement ippermetta l-użu, u ħa sehem mill-qliegħ ta' dgħajsa, għal skop ta' prostituzzjoni, u kkundannatu għall-priġunerija għal żmien xahar u għal multa ta' £5;

L-imputat appella minn din id-deċiżjoni;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

L-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant hija in bażi għall-art. 8 (2) tal-Kap. 102, li jgħid hekk:— "Kull min, xjentement, jagħti b'kiri jew jippermetti l-użu, jew jieħu sehem mill-qliegħ ta' vettura użata għal skop ta' prostituzzjoni, jew għal skopijiet oħra immorali, jeħel..............";

Minbarra li ċaħad il-fatti lilu addebitati, l-appellant issolleva quddiem din il-Qorti, kif għamel quddiem il-Qorti t'Isfel, il-kwistjoni ta' indoli preġudizzjali dwar jekk "dgħajsa" tidħol fil-kelma "vettura" użata fid-dispożizzjoni in parola;

In sostenn ta' l-assunt tiegħu l-appellant iċċita l-art. 2 tal-Kap. 13, u ssottometta, għar-raġunijiet minnu mogħtija fin-nota ta' riljevi fol. 19, li skond dik id-definizzjoni, kombinata ma' l-"ejusdem generis rule", vettura tirriferixxi biss għat-traffiku fuq l-art. Żied igħid li f'dawk il-liġijiet (Kap. 13) il-legislatur ittratta fuq ~~dgħajjes~~ f'kap separat minn vetturi;

L-Avukat tal-Kuruna ssottometta li wieħed għandu jħares, imħux lejn liġi oħra, k.f inhu l-Kap. 13, imma lejn il-liġi li taħtha ngiebet l-imputazzjoni; li f'din il-liġi (Kap. 102) ma hemmx limitazzjoni tas-sinifikat tal-kelma "vettura", li għalhekk tfisser kwalunkwe xorta ta' "conveyance"; u li fil-pajjiż hemm anki mezzi ta' trasport fuq il-baħar, bħad-dgħajjes; u li konsegwentement is-sinifikat tal-kelma ma għandux jiġi ristrett;

L-Imħallef sedenti, wara li rrifletta fuq il-każ, hu ta' fehma li s-soluzzjoni hija din li sejra tingħad;

Hu korrett (salvi konsiderazzjonijiet oħra li sejrin isiru 'l quddiem) dak li rrileva l-Avukat tal-Kuruna, li l-ewwel-nett wieħed għandu jħares lejn il-liġi li taħtha hi miġjuba l-imputazzjoni. Dik hija, bla dubju, il-liġi li biha l-każ għandu jiġi regolat. Hu veru wkoll li dik il-liġi ma tat ebda definizzjoni tal-kelma "vettura", la biex tamplifika s-sens ta' dik il-kelma u lanqas biex tirrestrinġih. Għalhekk il-kelma għandha tiġi interpretata bħala tali, u qabel xejn "ex visceribus actus";

Issa, fost il-kanoni ta' interpretazzjoni, ċertament jipprimeġġja dak li l-kliem tal-liġi, salva dispożizzjoni kuntrarja, li f'dan il-każ ma hemmx, għandhom jiġu interpretati "fis-sens li fih ikunu ġeneralment użati u miftiehem minn kulħadd". "Alle parole della legge", jingħad fis-sentenza App. "Balbi vs. Smith ne.", 3. 2. 1902, Vol. XVIII, p. 117, "salva disposizione in contrario, non si può attribuire altro senso che quello voluto dall'uso generale e da tutti inteso". Jingħad fil-Halsbury (Interpretation of Statutes — Vol. 31, Hailsham Edit., page 480, para. 596) :— "Words are primarily to be construed in their popular sense............";

Issa, ma hemm ebda dubju li fil-Malti, meta wieħed igħid il-kelma "vettura", jifhem biss mezz ta' trasport "fuq l-art". Hu ċert li ħadd qatt ma juża jew jifhem il-kelma "vettura" bħala li tirriferixxi anki għal dgħajsa jew mezz ta' trasport fuq il-baħar;

Il-Prosekuzzjoni osservat li l-kelma "vehicle", użata fit-test Ingliż, tfisser "any kind of carriage or conveyance", u kwindi tikkomprendi anki dgħajsa. Issa, jista' jidher "pri-

ma facie" li għandu jipprevali s-sens tal-kelma "vehicle" fit-test Ingliż a preferenza tal-kelma "vettura" fit-test Malti, in vista tad-dispożizzjoni tal-klawsola 33 tal "Malta Constitution Letters Papent, 1947". Iżda din id-dispożizzjoni hija applikabili meta t-test Ingliż u t-test Malti ma jaqblux, mentri fil-każ preżenti ma hemmx kwistjoni ta' "conflict", għax iż-żewġ testi fil-fatt jaqblu. Il-kliem, stante d-diversità tal-lingwa, huma, s'intendi, bilfors differenti; imma b'daqshekk ma hemmx dak il-"conflict" li jawtorizza li tiġi applikata dik il-klawsola. Hawn si tratta ta' interpretazzjoni ta' kelma; u peress li, kif ingħad, "words are primarily to be construed in their popular sense", u dippjù "as they would have been understood the day after the statute was passed" (ara loc. ċit., p. 480, nota (t) in kalċe), hu loġiku li għandu jitqies il-"popular sense" f'Malta u kif il-kelma "vettura" tiftiehem f'Malta; u s-sens komuni u ordinarju tal-kelma "vettura" fil-Malti huwa dak ta' mezz ta' trasport fuq l-art;

Anki jekk wieħed jieħu dizzjunarju tal-Malti (u l-Qrati jistgħu, biex jiffissaw is-sens ordinarju, jirrikorru għal dizzjunarju — ara Halsbury, loc. ċit., paġ. 486, para. 610), isib li, għalkemm tingħata wkoll bħala sinifikat il-kelma ġenerika "conveyance", però s-sens prevalenti hu dak ta' trasport fuq l-art. Hekk fid-dizzjunarju ta' Vincenzo Busuttil, maħruġ l-ewwel darba fl-1900, il-kelma "vettura" hi hekk spjegata — "cab; carriage, conveyance; vettura (dritt, ħlas għat-trasport); cab hire; travelling expenses; ejja nieħdu vettura, let us take a cab";

Anki jekk, għal grazzja ta' l-argument, jingħad li teknikament il-kelma "vehicle", jew anki l-kelma "vettura", l-ewwel waħda bħala oriġinanti mill-kelma latina "vehiculum" mill-verb "veho", u t-tieni mill-kelma "vectura", ifissru kull xorta ta' trasport fuq l-art jew fuq il-baħar, hi regola li għandu jipprevali s-sens popolari, u mhux dak tekniku; molto pjù f'dan il-każ, fejn jirrikorru żewġ konsiderazzjonijiet oħra — waħda, illi anki fis-sens oriġinarju pjuttost jidher li s-sens prevalenti kien ta' mezz ta' trasport fuq l-art, tant li fid-dizzjunarju tingħata bħala l-ewwel ekwivalenti l-kelma "carro" (ara Vallauri); u l-oħra, illi l-massima

in materja hija dik "statutum poenale stricte interpretandum et non extendendum";

Hemm anki konsiderazzjonijiet oħra li jwasslu lill-Qorti għall-istess konklużjoni. Hu kanoni ieħor ta' interpretazzjoni illi "Parliament knows the law even in technical matters", u li l-Parlament, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni in kuntrarju, ried juża l-kelma fis-sens li kien prevalenti meta sar l-Att (ara ibidem, para. 624 et seq.);

Issa, hu fatt (u f'dan is-sens jistgħu jissemmew liġijiet oħra) li, meta saret din il-liġi partikulari, is-sens tal-kelma "vettura" mhux biss dak popolari, imma anki dak fil-liġijiet oħra ta' indole penali, kif inhu l-Kap. 13 u l-Kap. 12, art. 528 (3), kien ta' trasport fuq l-art, kif juru dak l-artikolu u d-dispożizzjonijiet ta' dak il-Kap. 13 fuq imsemmija, u l-fatt li f'dak il-Kap. il-legislatur ittratta fuq dgħajjes separatament taħt dak l-isem. Hu loġiku, għalhekk, u konsentaneu ma' dawn il-kanoni ta' interpretazzjoni, li l-leġislatur, meta ppromulga l-liġi, ried juża dik il-kelma mhux biss fis-sens popolari tagħha, imma anki fis-sens li kellha fl-istatut penali tal-pajjiż f'dak iż-żmien, ġa ladarba ma tax ebda definizzjoni diversa tagħha;

Għalhekk kollox juri li lill-kelma "vettura", użata fil-liġi in diżamina bla ebda kwalifikazzjoni, għandu jingħata s-sens komuni u ordinarju tal-kelma, li hu dak ta' trasport fuq l-art, u li l-kostruzzjoni sostnuta mill-Prosekuzzjoni timproprja dak is-sinifikat;

Ġa ladarba l-liġi ma tikkontemplax każ simili f'dgħajsa, l-imputazzjoni taqa' in bażi għall-aforiżma "nullum crimen sine lege". X'għandu jsir "in jure ferendo" ma hux kompitu ta' dan it-tribunal;

Għalhekk tiddeċidi:

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputazzjoni mhux kriminalment prosekwibili minħabba li ma tikkostitwix reat, u tordna li l-imputat jiġi liberat.